MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Numru. 660/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Bartolo**

**vs**

**Mark-Joseph sive Mark Mangion**
**Marlene(Maria Carmela) sive Marlene Mangion**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Mark-Joseph sive Mark Mangion ta’ 39 sena, iben il-mejjet Edward u Josephine nee’ Borg, imwieled Sliema nhar il-25 ta’ Mejju 1967 u residenti “Marlene”, Triq il-Harrigiet, Mqabba u detentur tal-karta

tal-identita' numru 211367(M) u l-imputata Marlene (Maria Carmela) sive Marlene Mangion ta' 38 sena, mart Mark u bint Joseph Mallia u Rose nee' Galea, imwielda Pieta' nhar it-12 ta' Jannar 1968 u residenti "Marlene", Triq il-Harrigiet, Mqabba u detentrici tal-karta tal-identita' numru 47568(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Mark-Joseph sive Mark Mangion wahdu akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta' bejn is-16 ta' Lulju 2001 u ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a) Bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, liema ezazzjoni kontra l-ligi saret b'theddid jew abbuz ta' awtorita'.

b) Fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala Ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma ghandux jedd, liema skop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l- offerta kien sabiex bhala ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

c) Finalment qed jigi akkuzat talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi.

U Marlene (Maria Carmela) sive Marlene Mangion wahidha akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu

ta’ bejn is-16 ta’ Lulju 2001 u ix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

a) Xjentement ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti gew ippreparati jew ikkunsmati, b’dan li l-awtur tal-istess delitti, bhala ufficjal jew impjegat f’amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegata tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellha kemm jekk ma kelliex jedd li tesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet taghha, jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku illi taht il-libsa tal-kariga taghha, esigiet dak li l-ligi ma tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, liema ezazzjoni kontra l-ligi saret b’theddid jew b’abbuz ta’ awtorita’.

b) Fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi xjentement ghenet jew assistiet lill-awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti gew ippreparati jew ikkunsmati b’dan li l-awtur tal-istess delitti, f’dawn il-Gzejjer, fil-perijodu ta’ bejn is-16 ta’ Lulju 2001 u xhur ta’ qabel din id-data, bhala uffijcal jewi mpjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghha, ircieviet jew accettat ghaliha jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kelliex jedd, liema skop tal-hlas tal-weghda jew ta’ offerta kien sabiex bhala ufficjal jew impjegat taghmel dak li hu fid-dmir tieghu li taghmel .

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 26 ta’ Settembru 2008 (esebita a fol. 118 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

<u>Fil-KONFRONT TA’ MARK-JOSEPH SIVE MARK MANGION :</u>

a) fl-artikoli 18, 112, 115, 141, 533 tal-Kodici Kriminali ;

Fil-KONFRONT TA' MARLENE (MARIA CARMELA) SIVE MARLENE MANGION :

b) fl-artikoli 18, 112, 115, 120, 42, 43, 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2009, l-imputati ddikjaraw li huma m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-provi.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-29 ta' April 2002 waqt seduta parlamentari l-Onorevoli Charles Buhagiar, membru parlamentari, allega li kienet qed issir xi forma ta' korruzzjoni fid-Dipartiment tad-Drenagg fi hdan id-Dipartiment tax-Xoghljiet Pubblici u bhala prova ta' dan huwa ntavola fuq il-mejda tad-Deputati fotokopja ta' photographic image ta cekk pagabbli lil certu Marlene Mangion (l-imputata fil-kawza odjerna) u sostna li dan il-pagament kien sar lilha bhala mart l-imputat Mark Mangion li kien engineer fid-Dipartiment tad-Drenagg minn kuntrattur. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz is-Supretendent Carmelo Bartolo li xehed waqt l-udjenza tas-26 ta' April 2007 jirrizulta li fil-kopja tal-imsemmi cekk li kien tal-Bank of Valletta kien hemm hafna dettalji mhassrin bhal per ezempju id-dettalji ta' min kien hareg ic-cekk. Fuq wara ta dan ic-cekk kien hemm indikat izda li l-istess cekk gie msarraf minn xi hadd li ffirma 'M. Mangion'. Is-Supretendent Bartolo spjega li huwa kien gie mitlub jinvestiga dan il-kaz mis-superjuri tieghu wara li sar dan id-diskors parlamentari. Minn investigazzjoni ulterjuri li ghamlet il-Pulizija irrizulta li l-kopja originali tac-cekk kienet tinsab ghand membru parlamentari iehor, l-Onorevoli Anglu Farrugia u meta l-Pulizija kelmet lil dan

tal-ahhar huwa ghadda zewg kopji ta’ cekkijiet lil Pulizija, li wahda minnhom kienet l-istess kopja tac-cekk intavolat fil-Parlament, u qalilhom li dawn il-kopji kienu inghataw lilu minghand certu Carmelo Bonnici, kuntrattur miz-Zejtun. Wiehed mic-cekkijiet kien datat 24 ta’ Mejju 2001 filwaqt li t-tieni cekk kien datat 11 ta’ Lulju 2001. Iz-zewg cekkijiet kienu jirreferu ghall-istess kont bankarju li kellu n-numru 2235613503749017 liema kont kien jappartjeni lil Carmelo Bonnici u fuq il-wara taz-zewg cekkijiet kien hemm il-firma ‘M. Mangion’ u numru ta’ karta tal-identita’ li kien 47568(m) u l-imsemmija cekkijiet kienu fl-ammont ta’ Lm200 kull wiehed. Meta l-Pulizija kellmu lill-imsemmi Carmelo Bonnici huwa sostna li l-imputat fil-kawza odjerna, Mark Mangion, li kien engineer fid-Dipartiment tad-Drenagg, kien kontinwament icempillu sabiex jaghtih xoghol ta’ emergenza li kien jinghata abbazi ta’ direct order u li wara li kien jaghtih ix-xoghol kien javvicinah u jitolbu jhallsu talli jkun qabbad lilu. Carmelo Bonnici qal lil Pulizija li dawn it-talbiet kienu jsiru kontinwament u li huwa ma cediex ghalihom izda darba minnhom fi zmien il-Milied kien baghat lil ibnu Mark Bonnici sabiex jikkonsenja dundjan bhala rigal tal-Milied lill-imputat Mark Mangion bhal ma kien ghamel ma diversi periti tal-Public Works u ibnu kien irreferilu li meta kkonsenja d-dundjan lill-imputat Mark Mangion dan tal-ahhar qallu li kien ikun ahjar li kieku missieru bghatlu l-flus minflok dundjan. Bonnici qal lil Pulizija li wara li inghad dan id-diskors huwa ceda ghal dawn it-talbiet u ddecida li jakkomoda lill-imputat ghaliex kellu pagament ta’ Lm3,000 mizmum mill-mputat li ma kienx awtorizza l-pagament relattiv Carmelo Bonnici sostna li meta ta c-cekk datat 24 ta’ Mejju 2001 huwa ffirma fuqu izda peress li huwa illiterat qal lill-imputat sabiex jimla id-dettalji l-ohra fuq ic-cekk u wara ftit tal-granet l-imputat Mangion rega’ talbu cekk iehor ghaliex sostna li kien mela xi dettalji hziena u huwa tah cekk iehor. Carmelo Bonnici kompla jghid lil Pulizija li l-imputat rega’ talbu l-flus f’okkazzjonijiet sussegwenti u huwa kompla jfakru fuq il-pagament tat-tlett elef Lira li kien mizmum u meta huwa baqa’ ma thallasx dan l-ammont li kien dovut lilu mid-Dipartiment tad-Drenagg ghax-xoghlijiet li kien ghamel huwa beda’ jinkwieta u mar ikellem lil Membru Parlamentari Charles Buhagiar u

ghaddielu kopja tac-cekk li kien ta lill-imputat u qallu sabiex jiehu dawk il-passi kollha li kien jidhirlu xierqa. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta inoltre li l-Pulizija kellmet ukoll lil Mark Bonnici iben Carmelo Bonnici, li kkonferma l-verzjoni moghtija minn missieru, kif ukoll lill-imputati fil-kawza odjerna. Mill-istqarrijiet esebiti a fol. 29 sa 37 jirrizulta li l-imputata Marlene Mangion ghazlet li ma twiegibx id-domandi li sarulha filwaqt li l-imputat Mark Mangion irrisponda ghad-domandi kollha u cahad kategorikament li huwa b'xi mod qatt talab jew ircieva xi flus minghand il-kuntrattur Carmelo Bonnici. Il-Pulizija elevat xi dokumenti mir-residenza tal-konjugi Mangion fejn kien hemm il-kitba taghhom u ghaddiet dawn id-dokumenti flimkien mal-kopji tac-cekkijiet li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq lil Dr. Anthony Abela Medici, li dak iz-zmien kien il-kap tal-laboratorju forensiku fi hdan il-Pulizija sabiex huwa jaghmel ezami komparattiv bejn il-firem u l-kitba li kienu jidhru fuq iz-zewg kopji tac-cekkijiet min-naha l-wahda u l-kitba tal-imputati min-naha l-ohra. Dan ix-xoghol sar bhala police work u r-rapport ta' Dr. Anthony Abela Medici[1] jinsab inserit a fol. 23 sa 26 tal-atti processwali fejn huwa qal is-segwenti:-

*'On the 6th May 2002 you submitted eight seperate documents for examination and handwriting comparison. These were marked from 1 to 8 respectively. You requested a handwriting and signature comparison between Documents 1 and 2 with the rest of the documents.*

*Documents 5, 7 and 8 were clearly documents involving the handwriting of Engineer Mark Mangion. These were scanned and reproduced in the attached comparison sheet in confrontation with documents 1 and 2. The result of such comparisons, despite the fact that documents 1 and 2 are phtocopies of originals, are that in my opinion, the handwriting and signature on documents 1 and 2 were not made by Engineer Mark Mangion.*

[1] Huwa xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' April 2007 fejn ikkonferma l-kontenut tar-rapport minnha mhejji.

*Documents 3, 4 and 6 contained a number of entries the great majority of which were clearly written by the same author and are characteristic of the handwriting features of a female. Comparative studies between handwritings on these doscuments with the words 'Marlene Mangion' and the signature of 'Marlene Manguon' as well as the ID card on document 2 showed that there are characteristic features in both sets of documents which are identical and in my opinion are very likely to have been made by the same author. The one reservation I make is that document 2 is composed of photocopies and this would leave a slight element of doubt in a court appointed expert.'*

Abbazi ta' dak li rrizulta fl-imsemmija investigazzjonijiet il-Pulizija intavolaw il-proceduri odjerni u inbdew ukoll proceduri fil-konfronti ta' Carmelo Bonnici.

Ikkunsidrat :

Illi l-imsemmi Carmelo Bonnici xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Lulju 2008[2] fejn wara li kkonferma li l-proceduri kriminali fil-konfronti tieghu gew definittivament konkluzi u wara li spjega li huwa kuntrattur li jaghmel xoghol ta' thaffir u ta' trinek qal li fis-sena 2001 huwa kien jinghata dan it-tip ta' xoghol mid-Dipartiment tad-Drenagg u gieli inghata dan ix-xoghol fuq bazi ta' direct order, u cioe' minghajr ma jinhargu tenders. Huwa spega li kien jaf lill-imputat Mark Mangion ghaliex dan kien engineer jahdem fid-Dipartiment tad-Drenagg u meta huwa kien jinghata xoghol mid-Dipartiment dan kien jaqa' taht l-imputat. Huwa qal ukoll li sabiex jithallas mid-Dipartiment ghax-xoghol li kien jaghmel kienet necessarja il-firma u ghalhekk l-approvazzjoni tal-imputat Mark Mangion. Huwa qal li fl-2001 l-imputat Mark Mangion avvicinah u talbu xi flus sabiex ikompli jghaddilu l-pagamenti u kien qallu dan id-diskors fuq il-lant tax-xoghol. Huwa qal ukoll li l-imputat kien imur wara l-bieb tad-dar tieghu sabiex jitolbu l-flus u huwa kien jaghtihomlu ghaliex l-imputat kien jghidlu li mhux ser jaghtih aktar flus

[2] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 105 sa 109 tal-atti processwalli.

jekk ma jhallsux. Carmelo Bonnici qal li huwa mar jaghmel rapport lil Pulizija li l-imputat ma kienx qed jghaddilu l-files u kien qed jehodlu l-flus. Carmelo Bonnici imbaghad qal li kien ghadda l-flus lill-imputat Mark Mangion f’zewg okkazzjonijiet permezz ta’ zewg cekkijiet u bejn l-ewwel pagament u t-tieni pagament kien hemm kwistjoni ta’ xhur. Huwa gharaf il-kopji fotografici tac-cekkijiet li jinsabu inseriti a fol. 72 u gharafhom bhala dawk li kien qed jirreferi ghalihom. Carmelo Bonnici spjega li z-zewg cekkijiet kienu fl-ammont ta’ Lm200 il-wiehed u sostna li ma kienx indika lil min kellhom ikunu pagabbli c-cekkijiet u in kwantu jirrigwarda l-ammont wiehed minnhom kien kitbu l-imputat u l-iehor kien kitbu huwa stess u kien iffirma fuq iz-zewg cekkijiet. Huwa qal ukoll li kellu pagament li kien ghadu ma giex effetwat mid-Dipartiment tad-Drenagg izda kien hemm kawza civili pendenti dwar dan il-pagament. Huwa qal li kien thallas ghax-xoghol kollu l-iehor li kien ghamel meta mqabbad mid-Dipartiment tad-Drenagg u sostna li fil-Milied huwa kien baghat it-tifel b’dundjan bhala rigal ghall-imputat kif kien ghamel ma periti ohra fid-Dipartiment, u ibnu qal li meta ikkonsenja d-dundjan lill-imputat dan qallu li kien ikun ahjar li kieku inghata il-flus. In kontro-ezami Carmelo Bonnici ikkonferma li meta kien jinghata x-xoghol permezz ta’ direct orders dawn kienu jigu approvati mid-Direttur tad-Dipartiment u anki l-pagamenti kienu iridu jigu hekk approvati u kkonferma wkoll li meta jitlesta x-xoghol kien imur quantity surveyor li jkejjel ix-xoghol li kien sar u sussegwentement dan jigi aprovat mill-imputat u imbaghad mid-Direttur qabel ma huwa jithallas tax-xoghol. Huwa ikkonferma wkoll li l-pagament li qal li gie mizmum kien gie hekk mizmum wara li nharget ordni f’dan is-sens mill-Ministeru koncernat u kkonferma inoltre li kien mar jilmenta l-Ministeru dwar bicca xoghol f’San Pawl il-Bahar li kien beda hu u li imbaghad tkompliet minn kuntrattur iehor u li huwa kien mar jitkellem mal-Onorevoli Charles Buhagiar dwar il-kwisjtoni tal-imputat wara li sehhet din il-bicca xoghol u cioe’ wara li x-xoghol li kien beda hu inghata lil haddiehor.

Mark Bonnici iben Carmelo Bonnici xehed waqt l-udjenza tat-28 ta’ Lulju 2007 fejn qal li huwa jahdem ma missieru u

li ilu jaf lill-imputati madwar sentejn u nofs u jghid li sar jaf lill-imputat ghaliex huma kienu jinghataw tenders mid-Dipartiment ad-Drenagg u l-imputat kien ikun inkarigat minnhom fi hdan id-Dipartiment. Huwa qal li kien hemm okkazzjoni fi zmien il-Milied fejn kien mar id-dar tal-imputat sabiex jaghtih rigal konsistenti f'dundjan u kienet fethitlu l-bieb l-imputata Marlene Mangion li kienet sejhet lil zewgha u dan tal-ahhar kien qallu li kien ikun ahjar li kieku missieru jibghatlu l-flus minflok dundjan. Mark Bonnici qal li huwa rrefera dan il-messagg lil missieru u dan tal-ahhar qallu li kien ser jiehu hsieb il-kwistjoni hu. Mark Bonnici jghid li wara din l-okkazzjoni kien iltaqa' mal-imputat Mark Mangion fuq il-lant tax-xoghol ix-Xemxija u dan kien qallu li sabiex ikomplu dak ix-xoghol kellu jinghata xi flus. Huwa qal li l-ghada huwa u missieru kienu ltaqghu mal-imputat u huwa qalilhom li l-bicca xoghol ta' San Pawl il-Bahar ma kienux ser jehduha.

Ikkunsidrat :

Illi apparti l-istqarrija li huwa rrilaxxja fl-4 ta' Mejju 2002 li diga' saret referenza ghaliha aktar 'il fuq, l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[3] fejn huwa rega' ribadixxa dak li kien qal fl-istqarrijia u fejn rega' cahad kategorikament li qatt kien talab jew ircieva xi flus minghand il-kuntrattur Carmelo Bonnici jew li qatt kien ra c-cekkijiet inseriti a fol. 72 tal-atti processwali. Huwa spjega li precedentement kien jahdem bhala mechanical engineer mal-Public Works (Dipartiment tad-Drenagg) u sussegwentement mal-Water Services Corporation u li xogholu kien konness ma emergency works fil-pumping section u fis-sewage treatment plant. Huwa ghalhekk spjega li qatt ma kellu x'jaqsam ma tenders li kienu jinhargu mid-Dipartiment tad-Drenagg izda biss ma direct orders li kienu jkunu necessarji minhabba xoghlijiet ta' emergenza li kien ikollhom isiru meta jkun hemm il-hsarat. Huwa qal li lil Carmelo Bonnici kienu jafu bhala wiehed mill-varji kuntratturi li kienu jitqabbdu mid-Dipartiment sabiex isiru ix-xoghlijiet u qal li din il-lista ta kuntratturi kien hadha minghand il-periti u/jew enginiera li kien hemm qablu.

[3] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 121 sa 143.

Huwa qal li meta kien ikun hemm bzonn li jsir ix-xoghol generalment kien ikun hu li jcempel lil kuntrattur sabiex isiru ix-xoghlijiet izda qal li l-pagamenti kienu jigu approvati mid-Direttur tad-Dipartiment u dan wara li jkun mar quantity surveyor sabiex ikejjel ix-xoghol u wara li huwa jkun ra r-rapport tal-quantity surveyor. L-imputat cahad li huwa qatt waqqaf xi pagamenti li kienu dovuti lil Carmelo Bonnici. Huwa spjega inoltre li dwar ix-xoghol ta' emergenza li kellu jsir f'San Pawl il-Bahar u li accena ghalih Carmelo Bonnici bhala x-xoghol li beda u ma thallix ikompli, li f'nofs is-sajf tal-2001 kien inqala' xoghol ta' emergenza f'San Pawl il-Bahar peress li kien mar main tas-sewage u d-drenagg kien qed jispicca fil-bahar u huwa kien qabbad lil Carmelo Bonnici sabiex jaghmel ix-xoghol ta tiswija peress li kellu l-makkinarju rikjest. Huwa spjega li meta sar dan ix-xoghol ta' emergenza id-Direttur tad-Dipartiment il-Perit Vince Cassar, kien imsiefer u meta dan tal-ahhar irritorna Malta ddecida li kellhom isiru xoghlijiet permanenti sabiex is-sitwazzjoni ta' San Pawl il-Bahar ma tergghax tirrepeti ruhha u wara li nhareg it-tender rigwardanti x-xoghlijiet li kellhom isiru it-tender inghata lil kuntrattur iehor li ma kienx Carmelo Bonnici u dan peress li dan tal-ahhar ma kellux il-makkinarju necessarju sabiex jaghmel ix-xoghol li kellu jsir fil-fond hafna. L-imputat Mark Mangion jghid lli huwa ma kienx involut f'dan il-process tat-tender u spjega wkoll li Bonnici ma kienx thallas tax-xoghol ta' emergenza li kien ghamel ghaliex dan ix-xoghol ma kienx sar sew. L-imputat Mark Mangion spjega inoltre kif wara li ma inghatax dan it-tender tax-xoghol ta' San Papwl il-Bahar l-kuntrattur Carmelo Bonnici allega li certu impjegat tad-Dipartiment, Vince Cilia, kien jitolbu l-flus sabiex jinghata x-xoghol u li nbdew proceduri kriminali kontra Vince Cilia fir-rigward. Il-process rigwardanti din il-kawza jinsab allegat a fol. 174. L-imputat Mark Mangion spjega inoltre li huwa kien tela' jixhed f'dawn il-proceduri kontra Vincent Cilia fejn xehed waqt l-udjenza tat-23 ta' April 2002 fejn kien qal li kien jaf lil Vince Cilia bhala bniedem ta' integrita' u spjega kif kienu graw l-affarijiet rigward ix-xoghol ta' San Pawl il-Bahar. L-imputat jghid li ezattament hamest ijiem wara li huwa xehed fl-imsemmija proceduri il-Perit Charles Buhagiar ghamel l-allegazzjonijiet dwaru fil-Parlament fejn

huwa imbaghad spicca sabiex jigi arrestat u nterrogat mill-Pulizija. L-imputat Mark Mangion spjega li l-kwistjoni kollha inghatat xejra politika minhabba l-fatt li Vince Cilia kien attivist fil-partit politiku oppost tal-Perit Buhagiar u jsostni li l-allegazzjonijiet maghmula minn Carmelo Bonnici fil-konfronti tieghu saru propju bhala tpattija ghal dak li kien xehed fil-proceduri kontra Vince Cilia. L-imputat spjega kif minhabba dawn l-allegazzjonijiet u l-konsegwenti proceduri li ttiehdu fil-konfronti tieghu huwa spicca sabiex gie mcahhad minn kwalunkwe promotion li kien japplika ghaliha, spicca sabiex tkissirlu z-zwieg u spicca sabiex kellu jitlaq minn Malta u jmur jahdem u jghix l-Inghilterra.

L-imputata Marlene Mangion ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota ta' rinviju tieghu datata 26 ta' Settembru 2008 l-Avukat Generali indika li fil-konfronti tal-imputat Mark Mangion tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18,112 (ufficjal pubbliku li jesigi flus kontra l-ligi), 115 (korruzzjoni ta' ufficjal pubblku) u 141 (disposizzjoni li tapplika ghall-ufficjali pubblici). Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-atti processwali tiddikjara mal-ewwel li jidrilha li x-xhieda moghtija minn Carmelo Bonnici ma tistghax titwemmen u dan jinghad ghal diversi ragunijiet li huma s-segwenti :-

1. Il-komportament tal-imsemmi xhud fuq il-pedana tax-xhieda fejn huwa mhux dejjem kien koerenti f' dak li kien qed jghid u kien jidher li kien skomdu jixhed.

2. L-inkonsistenzi riskontrati fix-xhieda tieghu fejn l-allegazzjonijiet minnu maghmula gew kontradetti minn provi ohra, bhal per ezempju meta huwa jghid li mar ghand il-Pulizija jirraporta dak minnu allegat fil-konfronti tal-imputat meta mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur fil-fatt irrizulta li Carmelo Bonnici kien mar jaghmel l-allegazzjonijiet ghand il-Perit Charles Buhagiar u l-Pulizija bdiet l-investigazzjonijiet taghha wara li dan tal-ahhar

irrepeta dawn l-allegazzjonijiet fil-Parlament u kien biss meta l-Pulizija imbaghad skopriet min kien il-holder tal-kont bankarju minn fejn hareg ic-cekk intavolat fuq il-mejda tal-kamra li arrestat lil Carmelo Bonnici u imbaghad huwa ghamel l-allegazzjonijiet fil-konfronti tal-imputat mal-Pulizija.

3. Carmelo Bonnici qal li huwa ceda ghat-talbiet tal-flus maghmula mill-imputat biss wara li dan waqqaflu l-pagament ta Lm3000 izda mill-provi rrilzulta li c-cekkijiet inhargu f'Mejju u f'Lulju 2001 mentri x-xoghlijiet li ghalihom kien jirreferi l-pagament ta' Lm3,000 saru lejn l-ahhar ta Lulju 2001 u ghalhekk l-allegazzjoni maghmula minn Bonnici ma tistghax treggi.

4. Carmelo Bonnici inoltre sostna li l–imputat Mark Mangion kien kiteb fuq iwiehed mic-cekkijiet moghtija lilu meta fil-fatt mir-rapport ta' Dr. Anthony Abela Medici, li saret referenza ghalih aktar 'il fuq, jirrizulta li ebda kitba li hemm fuq ic-cekkijiet esebiti a fol. 72 tal-process ma hija tal-imputat Mark Mangion.

5. Il-fatt li Carmelo Bonnici ghamel allegazzjonijiet kwazi identici ghal dawk li ghamel fil-konfronti ta' Mark Mangion anki fil-konfronti ta' Vincent Cilia fejn huwa qal li dan kien jitolbu l-flus sabiex jinghata x-xoghol u li meta huwa tah rigal konsistenti f'kaxxa whisky Cilia qallu li mhux il-whisky jrid izda flus.

6. Il-fatt li l-allegazzjonijet fil-konfronti tal-imputat saru minn Carmelo Bonnici proprju ftit tal-jiem wara li l-imputat kien xehed fil-proceduri kontra Vince Cilia kif ukoll il-fatt li Carmelo Bonnici ghazel li jaghmel tali allegazzjonijiet proprju wara li huwa ma inghatax it-tender tax-xoghlijiet f'San Pawl il-Bahar.

Il-Qorti jidrilha li jezisti dubju ragonevoli li effettivament l-alllegazzjonijiet maghmula minn Carmelo Bonnici saru fil-konfronti tal-imputat Mark Mangion propju bhala tpattija ghaliex huwa xehed bil-mod li xehed fil-proceduri kontra Vince Cilia u sabiex jivvendika ruhu ghaliex ma inghatax it-tender ghax-xoghlijiet li kellhom isiru San Pawl il-Bahar

u ghaliex twaqqaflu l-pagament tax-xoghlijiet ta’ emrgenza li kien ghamel u mhux ghaliex l-allegazzjoniet minnu maghmula huma veritjieri. Dawn id-dubji kollha ovvjament ghandhom jimmilitaw favur l-imputat.

Il-Qorti jidrilha li ma ghandha ebda raguni il-ghala ma temminx dak li qal l-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija u sussegwentement meta xehed quddiem din il-Qorti fejn huwa kien dejjem ko-erenti u konsistenti f’dak li qal u ghalkemm l-imputat ma huwa tenut li jipprova xejn l-Qorti tinsab konvinta li huwa kien qed jghid il-verita’ meta cahad kategorikament li qatt ircieva xi flus minghand Carmelo Bonnici u li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfronti tieghu mill-istess Bonnici saru biss bhala tpattija u ghal xejn aktar. Irid inolre jigi rilevat li ma ngabet ebda prova mill-Prosekuzzjoni li tindika li l-imputat Mark Mangion b’xi mod kellu x’jaqsam mac-cekkijiet li kopja fotografika taghhom tinsab inserita a fol. 72 tal-atti processwali. Fl-ebda hin ma rrizulta li kien hemm il-kitba tieghu fuqhom jew li huwa mar isarraf dawn ic-cekkijiet.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ma tistghax issib lill-imputat Mark Mangion hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi in kwantu jirrigwarda l-imputata Marlene Mangion hija qed tigi addebitata bl-imputazzjoni ta’ komplicita’ f’korruzzjoni ta’ uffiicjal pubbliku. Jibda sabiex jinghad li zgur ma tistghax tinstab htija ai termini tal-Artikolu 120 citat mill-Avukat Generali stante li bl-ebda mod ma jirrizulta li l-imputata Marlene Mangion pruvat tikkorrompi ufficjal pubbliku jew li effettivament ikkorrompiet ufficjal pubbliku. In kwantu jirrigwarda l-allegata komplicita’ taghha ma zewgha Mark Mangion fil-kummissjoni tar-reati indikati fl-Artikoli 112 u 115 tal-Kodici Kriminali hija ma tistghax tinstab hatja ta’ komplicita’ meta l-allegat awtur qed jigi dikjarat mhux hati tar-reati li hija allegatament ghenitu jwettaq. Ghal din ir-raguni anki l-imputata Marlene Mangion ser tigi dikjarata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------